# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 26

24 ta' Mejju, 2021

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat iddeċieda li din il-laqgħa ssir b'mod virtwali permezz tas-sistema online bil-Microsoft Teams® (skond Ċirkulari 03/2020 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali) minħabba l-pandemija ta' Covid-19, fis-1.40 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

## Aġenda Nru. 26

26.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;
26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 25 – 9;
26.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
26.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
26.5 Komunikazzjoni;
26.6 Kwotazzjonijiet u Offerti ġodda;
26.7 Ilmenti u Suġġerimenti;
26.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 5/2021;
26.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku qal li llum erġajna mhux qed niltaqgħu fiżikament minħabba r-raġunijiet li kullħadd jafhom dawk taċ-ċirkostanzi li għadna għaddejjin minnhom u madwar id-dinja b'din il-pandemija tal-COVID-19 u għalhekk din il-laqgħa qed issir b'mod virtwali permezz ta' sistema *online* ta' Microsoft Teams® skond Ċirkulari 03/2020 maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, dan qed isir peress li l-kamra tal-laqgħat hija ftit żgħira u ma jkunx hemm distanza adegwata għal kull membru u s-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku kompla billi ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 26.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

26.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 25 – 9

26.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa Nru. 25 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn se jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 26.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

26.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara diversi tentattivi mall-Kuntrattur li ħadem il-proġett ta' Triq Sannat, il-Kuntrattur bgħat il-ħaddiema biex iwettqu xogħolijiet li kien mistenni fuq din it-triq biex tkun kompluta fosthom il-bankina ta' quddiem l-għassa, il-bankina ta quddiem il-kalkara tal-Ġir qed issir bil-porfido. Dwar il-letter box tal-Maltapost li kienet ġiet imressqa għal quddiem il-bieb tal-Kalkara tal-Ġir, il-Kunsill qabel li din titpoġġa hdejn il-mappa tal-lokalita' minflokk il-walkway interpreter li ma għadux jiffunzjona u li dan jinsab skonnetajt. Hemmhekk għandha ssir rampa biex tkun aċċessibli għal kulħadd. Baqa ukoll iz-zebra crossings x'jiġu nstallati. Hemm xi tarmak fuq il-bankina quddiem xi garaxx u li dan irid jitneħħa u jiġi rranġat bis-siment. Hu qal li għad fadal xi tentufiet oħra biex dan il-proġett ikun jista jitqies bħala wieħed konkluż. Hu qal li dwar id-dwal ta' din it-triq hu nkluż mall-proġett tal-pajazza Santa Margerita biex ikun hemm uniformita.

26.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-offerta għal pavimentar u rinnovar ta' Pjazza Santa Margerita ġiet ppublikata fuq il-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Mejju 2021 u li din tgħalaq nhar il-Ġimgħa 18 ta' Ġunju 2021. Il-bord kompost għall-aġġudikazzjoni u l-evalwazzjoni għandu jiltaqgħa dakinhar stess sabiex jibda bix-xogħol tiegħu. Il-Kunsill qabel ma dan.

26.3.3 Is-Sindku qal li dwar il-proġett tal-monument tal-gwerra il-Kunsill ma semgħa xejn mingħand l-Artist u ser jkun diffiċli li dan il-proġett jitwettaq u jitlesta sad-data ta' Ottubru 2022, li l-Kunsill kien xtaq. Hu qal li jekk nibdew ma' artist ieħor se jkun inħela ħafna ħin dan għaliex dan il-proċess irid jerġa jibda mill-bidu. Il-Kunsill qabel ma dan.

26.3.4 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni lill-Kunsill li fejn hemm it-taraġ għal fuq il-Kalkara tal-Ġir, il-Kunsill għandu jinstalla rixtellu jingħalaq biex ma jkunx il-kaġun li jitilgħu xi tfal fuq il-bejt u b'hekk nevitaw kull periklu peress li ssa se jibqa' miftuħ. Il-Kunsill għandu jingħata l-parir mingħand il-Perit biex jara x'materjal ser juża. Il-Kunsill qabel ma dan.

26.3.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li talab laqgħa mad-Development Planning Funds fi ħdan il-Planning Authority u din intlaqgħet u saret nhar it-Tieta 18 ta' Mejju 2021, fejn ġie diskuss il-proġett ta' pjazzetta fi Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri fejn hemm il-monument ta' Mro Vincenzo Caruana Spiteri fejn il-Kunsill kien ffirma kuntratt f'Marzu 2020. Is-Sindku qal li għal din il-laqgħa virtwali attendew il-Perit, is-Segretarju Eżekuttiv u hu, fejn flimkien spjegaw li dan ix-xogħol ta' tisbieħ ta' dan il-proġett għadu ma bediex għar-raġuni li l-Kunsill ma setgħax jaqla u jgħalaq din il-pjazzetta minħabba x-xogħolijiet fi Triq Sannat. Is-Sindku qal li hu talab lir-rappreżentanti tad-DPF li l-Kunsill xtaq li f'din il-pjazzetta wkoll jelimina l-wires tad-dawl u servizzi oħra u jsir service culvert bħal ma sar fi Triq Sannat u li se jsir fi Pjazza Santa Margerita. Waqt din il-laqgħa il-Kunsill intalab biex jikteb lid-DPF dwar din it-talba li milli jidher għandha tiġi milqugħa għal dan l-iskop. Il-Perit għandu jgħamel stima biex tintbgħat ma' din it-talba. Apparti dan il-Kunsill iċċekja l-fond tad-DPF tiegħu fejn jidher li hemm il-fondi meħtieġa.

26.3.6

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ntalbet li ssir laqgħa oħra mall-Ministru l-Onor. Miriam Dalli fejn għandu jintalab follow up fuq Triq Palazz Palina, l-ispazju miftuħ fi Triq il-Kbira għax-xogħolijiet ta' tindif tal-ġibjun u biex isir tisbieħ, u dwar il-proġett tal-Playing field fi Triq Marziena għal reservoir, parking u fuqhom jigi l-playing field, b'hekk nitolbu l-għajnuna għal bini ta dan il-ġibjun. Hu staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk waslitx risposta għal din il-laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li se jibgħat remider.

26.3.7

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saru żewġ laqgħat fid-19 ta' April u 17 ta' Mejju 2021 mas-Superitendent tal-Pulizija, dawn saru l-uffiċċju tal-Kunsill fil-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv. Fil-laqgħa ta' April attenda ukoll Uffiċjal mill-LESA fejn dakinhar ġie diskuss it-transport pubbliku u l-produzzjoni tal-film minn kumpanija barranija bl-isem ta' "Madame Blanc" li qed jinħadem f'parti minn Pjazza Santa Margerita u l-madwar, it-tiġrija taż-żwiemel fil-ġimgħa tal-festa, Data Protection, it-Traffic Management f'Ta' Sannat u l-Community Policing. Fil-laqgħa ta dan ix-xahar ġew diskusssi l-abbuż fis-sewqan fejn qed isir drifting minn xi sewwieq/a fl-entratura roundabout Ta' Sannat u f' dik Ta' Ċenċ, is-Sindku semmha li hu qed jaħdem fuq kwestjonarju dwar it-traffic management f' Ta' Sannat, il-Kunsillier Tewma ssuġġerixxa jekk hux possibli li dan ikun maqsum f'żoni wkoll, is-Sindku qabel. Il-Kunsillier Tewma staqsa jekk il-laqgħa mas-sidien tal-ħwienet kienitx saret. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din ma saritx. Is-Sindku talab biex din issir. Is-Sindku qal li hu tkellem mas-Superitendent dwar il-permessi li għandhom isiru mill-kuntratturi tal-kostruzzjoni li jingumbraw it-triq bil-makkinarju, il-permessi mitluba skond il-Bye Law fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini u l-iskart domestiku li qed joħroġ fil-weekend.

26.3.8

Is-Sindku semma' lill-Kunsill li dwar il-film "Madame Blanc" li qed jinħadem f'Ta' Sannat wasal fi tmiemu, l-location manager rringrazzja lill-Kunsill tal-kooperazzjoni. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jkun lest li jilqa din l-industrija tal-films fil-lokalita' tagħna.Il-Kunsill qabel ma
26.3.9 dan.

Is-Sindku qal li ntalab jattendi għall-ewwel laqgħa mall-Isqof t'Għawdex flimkien mas-Sindki tal-ġżira nhar l-Erbgħa 12 ta' Mejju 2021. Is-Sindku qal li waqt din il-laqgħa rringrazzja u semma' kemm hemm kordinazzjoni mall-parroċċa u ddiskuta l-proġett tal-Pjazza. Hu qal ukoll li l-Kunsill dejjem ħadem id f'id kemm mall-parroċċa kif ukoll mall-entitajiet ta' taħt din il-kappa. Hu qal li meta messu jitkellem ffoka fuq il-proġett tal-pjazza u fejn sar MOU mall-
26.3.10 knisja Ta' Sannat fejn ser isir xogħol inkluż ma dan il-proġett.

Is-Sindku qal li l-kuntratt tal-ġbir tal-iskart reċiklabbli u dak tal-ibins għandu jiġi mġedded mall-istess kuntrattur. Dan peress li dan il-Kunsill hu moqdi tajjeb ħafna bis-servizz li jingħata mill-kumpanija speċjalment fit-tqassim tal-boroż lir-residenti u li riċenti talbu li jiġu nstallati

26.3.11 cctv cameras fejn l-ibins biex ma jkun hemm l-ebda abbuż u dan kollu mingħajr ħlas.

26.3.12 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li xi residenti ġibdulu l-attenzjoni biex fi Triq Skerla u Triq il-Kbira fejn hemm is-soft areas jitħawlu pjanti ġodda jew staġjonali biex b'hekk tingħata dejjem dehra isbaħ fil-lokalita'.

26.3.13 Is-Sindku qal li rigward is-siġar tal-palm li ġew rilokati minn Sannat Junction għal ġewwa l-playing field jidher li hemm minnhom li ma qabdux. Il-Kunsill għandu jara l-andament tagħhom.

26.3.14 Is-Sindku qal li xi ndividwi talbuħ biex f'Sannat junction jinbidlu l-bankijiet qodma ma' oħrajn ġodda. Il-Kunsill qabel li dawn jinbidlu ma' oħrajn ġodda.

26.3.15 Is-Sindku qal li dwar il-bini tal-ħitan tas-sejjieħ taħt M 4.4 mill-ewwel sejħa l-Kunsill irċieva l-aħħar invoices u li dawn intbgħatu lid-DLG u lill-ARPA biex jgħaddu l-pagamenti, fuq dan il-Kunsill kellu jgħamel tajjeb għad-diskripanzi li kien hemm fil-kont bankarju tal-Bank Ċentrali ta' Malta biex il-kuntratturi jkunu jistgħu jitħallsu. Dwar M4.3 l-aħħar pagament ukoll tħallas lil-Kuntrattur, il-Kunsill kellu ukoll jgħamel tajjeb għal flus li ma kienx hemm fil-kont bankarju biex b'hekk il-Kuntrattur ikun jista jitħallas.

26.3.16 Is-Sindku qal li l-Kunsill applika għal advance payment mall-ARPA għal xogħolijiet ta' restawr tal-bini tal-ħitan tas-sejjieħ mill-fondi ewropej taħt Miżura 4.4 (it-tieni sejħa).

26.3.17 Is-Sindku qal li ħaddiem fuq xogħol fuq barra minn tal-CWSEF li kien ġie ngaġġat mall-Kunsill talab transfer u dan telaq, il-Kunsill talab għal replacement minflok dan il-ħaddiem.

26.3.18 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Ministeru għal Ambjent, tibdil fil-klima u l-Ippjanar flimkien ma Ambjent Malta intervjenew biex jitħawlu pjanti staġjonali fl-entratura tal-lokal, fi Triq 28 ta' April 1688 u fil-Ġnien tal-Bidwi. Dawn jirrikjedu tisqija regolari. Il-Kunsill qabel ma dan it-tisbieħ.

26.3.19 Is-Sindku qal li l-Kunsill ġie mitlub biex jixgħel xi post fix-xahar ta' Mejju 2021 fejn il-Kunsill xegħel il-Kalakara tal-Ġir b'kulur vjola fejn b'hekk ġiet mfakkra id-disabilta' ta' Myalgic Encephaloyelitis/Chronic Fatigue Syndrome u Fibromyalgia. Hu qal li għax xahar ta' Ġunju il-Kunsill intalab biex jekk jista jixgħel xi mkien bl-aħmar biex in-nies dejjem titħajjar tgħati d-demm. Il-Kunsill qabel ma dawn l-iniżjattivi.

26.3.20 Is-Sindku qal li l-Kunsill ġie nfurmat li mill-applikazzjoni mnedija mill-GAGF taħt M4 – Rjuvenating Gozo – *Improve the attractiveness of living in Gozo for your persons and young families (2nd call)* il-Kunsill ikkwalifika fit-tieni post u fondi ma għadx fadal peress li dawn se jintużaw minn dik l-applikazzjoni li kkwalifikat fl-ewwel post. Is-Sindku qal li ser jibgħat bl-Avukat biex jara x'ġara mill-applikazzjoni u fejn wieħed mar ħażin.

26.3.21 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill ġie mistieden għal quddiesa fl-okkazjoni ta' Jum Sannat li hu u s-Sergretarju Eżekuttiv biss attendew. Hu qal li jifhem li kulħadd ikollu l-impeniji tiegħu imma talab lill-Kunsill biex ikun xieraq li għal avvenimenti bħal dawn wieħed jattendi.

Is-Sindku qal li b'referenza għall-ilment minn laqgħa preċedenti (25.10.11) fejn residenta talbet li ssir bankina quddiem id-dar tagħha, il-Kunsill kien bgħat imejl lill-Transport Malta biex jara jekk tistax issir. Transport Malta wieġbet lura li ma hemmx oġġezzjoni, biss, jekk issir il-bankina għandha issir tul it-triq kollha, jekk issir il-bankina din it-triq ser tidjieq bil-konsegwenza li l-Kunsill għandu jikkonsidra li din it-triq issir one way u jekk tibqa two way kif

inhi ma jsir l-ebda parkeġġ f'din it-triq. Il-Kunsill għandu jitlob lill-MGOZ bis-sistema tal-Works Reuqest System. Is-Sindku u l-Viċi Sindku qallu li ma jaqblux li ma jsirx parking meta hawn nuqqas ta' parking. Il-Kunsill qabel li din il-bankina ssir bis-sistema tal-MGOZ u li din it-triq għalissa tibqa one way.

## 26.4

26.4.1 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk kellhomx xi mistoqsijiet. Il-Kunsillieri wieġbu li le.

## 26.5

26.5.1 **Komunikazzjoni**

26.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni lill-Kunsill li l-multi function printer li hawn fl-uffiċċju hija waħda qadima li ma għadiex taqdi l-esiġenzi preżenti tal-uffiċċju. Għalhekk għandhom jinġabru kwotazzjonijiet meħtieġa. Il-Kunsill qabel li tinxtara l-irħas waħda imma b'aktar funzjonijiet, u bl-istampar tal-kulur.

26.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill b'Ċirkularijiet mibgħuta mid-DLG u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri. Dawn kienu:

Ċirkulari Numru SPI/SCI/5/2021 – Tnedija mill-ġdid tal-*Community Inclusive Employment Scheme* (CIES)
Ċirkulari Numru 2/2021 – Ħlasijiet dwar Kuntratti jew Xogħol urġenti
26.5.4 Ċirkulari Numru 3/2021 – L-Onorarju tas-Sindki u s-Sigurta Soċjali

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
13 ta' April 2021 – Cir AKL 2021/033 – CRPD – Disability Equality Training
13 ta' April 2021 – Cir AKL 2021/034 – University Courses 2021-22 – Faculty for Social Wellbeing
22 ta' April 2021 – Cir AKL 2021/035 – Komunikat dwar tibdil fil-leġislazzjoni 65.13 dwar regolamenti dwar l-ikklampjar u t-tneħħija ta' vetturi bil-mutur u oġġetti ta' ingombru
26 ta' April 2021 – AKL 2021/036 – Binjiet mixgħula ħomor – Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm – 14 ta' Ġunju
27 ta' April 2021 – Cir AKL 2021/037 – Group Life Policy – Membri Eletti
27 ta' April 2021 – Cir AKL 2021/038 – Senior Passport link not working – Heritage Malta
11 ta' Mejju 2021 – Cir AKL 2021/039 – Supporting individuals to meet daily living needs – Mentor Aid Session 28/05/2021
14 ta' Mejju 2021 – Cir AKL 2021/040 – MFED 11/2021 Students' Summer Work Opportunities 2021
17 ta' Mejju 2021 – Cir AKL 2021/041 – SeedGreen Programme
19 ta' Mejju 2021 -Cir AKL 2021/042 – Reverse Vending Machines – Reazzjonijiet u Proposti
26.5.5 mill-Kunsilli Reġjonali/Lokali

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mir-Reġjun Għawdex u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
23 ta' April 2021 – Posposta – Laqgħa Reġjun Għawdex Nru 102 nhar il-Ħamis, 29 ta' April 2021 fil-5.30p.m.
10 ta' Mejju 2021 – Re Link – Laqgħa mal-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet ta' Għawdex – It-Tnejn, 10 ta' Mejju 2021 fl-4:30pm

11 ta’ Mejju 2021 – Re Ġbir tar-Reġistri Elettorali u Posters Oħra
11 ta’ Mejju 2021 – Gentle Reminder – Re SPI.SCI.2.2021.Finanzjament għal żvillup u titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f’Malta u Għawdex
18 ta’ Mejju 2021 – Aġġornament – Parteċipazzjoni f’Festival Internazzjonali tal-Bizzilla ġewwa l-Kroazja – Settembru 2021

26.5.6

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mill-Planning Authority dwar applikazzjonijiet u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
14 ta’ April 2021 – PA/02317/21 – To sanction property as built from what was approved in PA/4174/08, these include some minor changes internally and sanctioning of extension at the back of the property. – Mr Carmel Rapa, No.7, Penthouse, Sacred Heart, Triq il-Falkun, Sannat
14 ta’ April 2021 – RG/01954/20 – GTD – To regularise apartment, due to depth of internal yard and installation of en-suite shower. – Ms Susan Sciberras, Mican Court, Flat 4, Triq il-Palazz Palina, Sannat
21 ta’ April 2021 – PA/07074/20 – Additions and alterations to existing dwelling (work to include internal alterations and extension of terrace). To sanction works as built. – Mr Raphael Aloisio, 9, Triq Ta’ Skerla, Sannat – *Site changed from original submission*
21 ta’ April 2021 – PA/02239/21 – To construct an underground reservoir and a pump room and to construct rubble walls. – Mr Daniel Camilleri, Site at, Ta’ Saguna, Sannat
21 ta’ April 2021 – PA/02435/21 – To demolish existing building and to construct terraced house with garage at ground floor level and swimming pool in backyard. – Mr Matthew Rapa, 53, Triq Dun Xand Aquilina, Sannat
21 ta’ April 2021 – PA/02512/21 – To construct farmer’s residence ancillary to cow farm approved in PA/7113/18. – Mr John Pace, Site at, Il-Widien ta’ Fuq, limits off, Tal-Gruwa, Sannat
21 ta’ April 2021 – PA/02515/21 – Proposed garage for private cars at ground floor level; two flats at first and second floor levels (one on each floor) and one setback flat at receded floor level. – Mr Daniel Xerri, Plot 9, Triq Ta’ Dun Luqa, Sannat
21 ta’ April 2021 – PA/02508/21 – To construct terraced house with underlying basement store. – Mr Sammy Magro, Site at, Triq it-Tempju tal-Imramma,Sannat
21 ta’ April 2021 – PA/00711/19 – GTD – Proposed change of use from Bar to Class 4D restaurant. Also proposed lift to give access to the overlying hall. To sanction site profile, internal alterations and facade height. Also to correct site plan of PA7250/98. – Mr Paul Vella, 24, Socjeta Muzikali Sta Margerita, Pjazza Santa Margerita, Sannat
21 ta’ April 2021 – PA/08017/20 – GTD – To sanction minor works (roofing of halland kitchen) carried out to a pre-1968 farmhouse, and sanctioning and change of use of aviary into store. – Ms Margaret Said, 4, Alley off, Triq l-Għaxra T’ Ottubru, 1942, Sannat
21 ta’ April 2021 – RG/02624/18 – UPH – To regularise agricultural store as built. – Mr Alex Bajada, Bajada Stores, Triq Ta’ Xaghman, Sannat, Gozo
12 ta’ Mejju 2021 – RG/00522/21 – To regualarise terraced house as built. – Ms Susan Tisley, Galana, Triq Ta’ Ċenċ, Sannat
12 ta’ Mejju 2021 – PA/03058/21 – Demolish of existing property and construction of 7 garages, 7 units and 2 pools. – Ms Michelle-Marie Buttigieg, 135, Triq Ta’ Ċenċ, Ta’ Sannat
12 ta’ Mejju 2021 – PA/08336/20 – GTD – To Sanction internal alterations consisting of shifting of walls and proposed sub-division of duplex into two flats. – Mr Joe Saliba, Saliba, Triq l-Isqof Davide Cocco Palmieri, Sannat
19 ta’ Mejju 2021 – PA/03038/21 – To sanction minor differences to approved plans from PA/3133/95, PA/6388/94, PA/6307/00 – Mr Terence Calnan, 97, Triq Ta’ Ċenċ, Triq Dun Luqa, Sannat
19 ta’ Mejju 2021 – PA/03133/21 – Proposed change of use from sitting room to office Class 4A – Mr Stephen Tabone, December Rose, Triq Ta’ Gerxija, Sannat

19 ta' Mejju 2021 – PA/03227/21 – To sanction internal alterations consisting in the shifting of walls and openings from what was approved in PB4532/81. Also to sanction facade design. – Mr Joseph Debrincat, Sunny View, J&J House, Triq Dun Lazzru Camilleri, Sannat
19 ta' Mejju 2021 – PA/03361/21 – To clear site, excavate pool and underground water cistern. Erect basement, ground floor and first floor including street level garage with lift. – Ms Rosalie Cauchi, Plot 1, Triq tal-Ikbiex, Sannat
19 ta' Mejju 2021 – PA/03439/21 – Construction of additional 10 units from PA4552/18, making a total of 40 apartments and 12 penthouses at receded level. Proposed layout includes 3 garages at floor level and 39 garages at basement level. – Malla Developers Ltd. Attn: Raymond Vella, sen_gha, Triq Daħla tac-Cnus c/w, Triq ta' Dun Luqa, Sannat
19 ta' Mejju 2021 – PA07600/20 – GTD – To carry out internal and external alterations to from a garage. – Mr Daniel Magrin, 85, Triq il-Kbira, Sannat

## 26.6 Kwotazzjonijiet u Offerti ġodda

26.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar u nforma lill-Kunsill bir-rapporti għal kwotazzjonijiet 1, 2 /2021. Dik SNTLC 01/2021 Provision of Cleaning Service at Ta' Sannat Local Council u li din trid terġa toħroġ mill-ġdid.

26.6.2 Dwar kwotazzjoni SNTLC 02/2021 Cleaning, Maintenance and Opening and Closing of Public Conveniences in the Locality of Ta' Sannat in an Environmentally Friendly Manner Lot 1 ta' Triq Sannat, il-Kuntrattur li rebaħ l-offerta irrifjuta li jaħdimha. Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Kunsill irċieva imejl fejn l-offerent li ġie warajħ u kien offra ammont biex jaħdem din l-offerta Lot 1 u Lot 2. Kien hemm diskussjoni dwar dan. Is-Segretarju Eżekuttiv ta' struzzjoni li xorta wieħed għandu jerġa joħroġ din l-offerta pero il-Kunsill qal li jekk il-Kunsill se jerġa joħroġ din is-sejħa din se tkun għola. Il-Kunsill għandu jara kif se jibqa fuq din il-kwotazzjoni.

26.6.3 Dwar Tender SNTLC 05/2021 General road asphalting works in Ta' Sannat, il-bord ra u evalwa din l-offerta. Hu talab kjarifika ta' fejn hu l-impjant tal-materjal. L-irħas offerent ma rrispondiex din il-kjarifika u t-tieni wieħed irrisponda u hu compliant pero l-bord sab li din l-offerta hija overbudget b'30%. Il-Kunsill għandu jara din l-offerta.

26.6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li jridu jinħarġu dawn l-offerti ġodda:
Tender: SNTLC 07/2021 Tender for the Service of An Archaelogical Monitor
Tender: SNTLC 08/2021 Tender for the Provision of Engineering Consultancy Service in relation to projects undertaken by Ta' Sannat Local Council
Tender: SNTLC 09/2021 Project Management Services for Pjazza Santa Margerita embellishment
Quotation: SNTLC 10/2021 Quotation for the provision of cleaning services at Ta' Sannat Local Council (Re-issue)

## 26.7 Ilmenti u Suġġerimenti

26.7.1 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand residenta fejn ilmentat rigward ħadida li waħlulha tal-Enemalta mal-gallarija peress li din hija ta' periklu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li nforma lir-residenta biex dan l-ilment tgħaddiħ lill-Enemalta.

Il-Kunsillier Clayton Theuma bagħat imejl rigward ilment li rċieva mingħand residenta li

26.7.2 toqgħod fi Sqaq Dun Nastas rigward il-pavimentar tal-bankina tar-residenza tagħha. Din ilmentat li l-bankina mhijiex livell u kien hemm anke każijiet li waqgħet minħabba f' hekk. Din ilmentat ukoll rigward żewġ ħofriet li hemm u huma perikolużi. Is-Sindku qal li ma jafx li hemm ħofor f'dan l-isqaq u l-perit kien tkellem ma din ir-residenta u dwar il-bankina qeda fi stat tajjeb.

26.7.3 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team – MGOZ* rigward ħaxix ħażin li hemm fi Triq il-Kalkara tal-Ġir. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din hi fi Triq il-Kbira u li dan ix-xogħol sar mill-kuntrattur.

26.7.4 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team – MGOZ* rigward ħaxix ħażin li hemm fi Triq Dun Luqa. Is-Sindku nformahom li dan ix-xogħol sar mill-ħaddiema tal-Kunsill.

26.7.5 B'referenza għall-ilment numru 13/2021, resident li joqgħod fi Triq Ta' Ċenċ talab li ssir tappiera fil-bankina tar-residenza tiegħu dan peress li oriġinarjament ma twaħħlitx waħda meta saret l-bankina. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din talba ntbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-Works Request System biex ikun jista jsir dan.

26.7.6 Il-Kunsill reġa irċieva imejl bħala *reminder* mingħand resident li joqgħod fi blokka appartamenti fi Triq l-Għoxrin ta' Lulju. Huwa talab risposta għall-ittra li kien bagħat rigward xogħol ta' kostruzzjoni għaddej fil-viċin u li dan se jikkawża li jgħaddu ħafna trakkijiet minn din it-triq u dawn jistgħu jikkaġunaw li din it-triq taqa'. Il-Kunsill bagħat lura fejn qallu li kkuntattja lil-perit ikkonċernat u dan għadu ma bagħatx risposta.

26.7.7 Residenti talbu li ssir tabella *Give way to oncoming vehicles* fi Triq Mġarr ix-Xini fejn il-kamra tal-pompa tal-ilma l-qadima. Il-Kunsill qabel li tiġi nstallata tabella ġdida.

26.7.8 B'referenza għall-ilment numru 14/2021, resident li joqgħod fi Triq Paranji talab li tiġi rranġata toqba li hija perikoluża għas-sewwieqa u anke għal min jgħaddi bil-mixi. Is-Segretarju Eżekuttiv qalilhom li dan l-ilment intbagħat lil MGOZ bis-sistema tal-Works Request System biex din tkun tista tigi rranġata.

26.7.9 Il-Kunsill irċieva imejl bir-ritratti mingħand residenta li toqgħod fi Triq il-Kbira, fejn ilmentat li wara li inġabar l-iskart tħalla ħafna skart mal-art peress li tqattet l-borza. Il-Kunsill ħa azzjoni mill-ewwel dwar dan l-ilment billi kellem lill-kuntrattur.

26.7.10 B'referenza għall-ilment numru 15/2021, residenta qed titlob li titwaħħal tabella fejn turi d-direzzjoni mill-bajja ta' Mġarr ix-Xini għat-Torri Ta' Mġarr ix-Xini peress li t-taraġ li hemm, in-nies qed jaħsbuħ privat. Il-Kunsill qabel li tiġi nsallata tabella ġdida.

26.7.11 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand resident li joqgħod fi Triq il-Kbira fejn talab li ssir bankina quddiem ir-residenza tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din it-talba intbgħatet lil-MGOZ bis-sistema tal-Works Request System biex ikun jista jsir dan.

26.7.12 Il-Kunsill irċieva imjel mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ, rigward ħajt imwaqqa u tindif li hemm bżonn fi Triq Gruwa. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li rigward il-ħajt imwaqqa intbagħtet talba lil-MGOZ bis-sistema tal-Works Request System, u rigward it-tindif dan sar mill-ħaddiema tal-Kunsill.

26.7.13 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand resident fejn talab li l-Kunsill jitkellem kontra kostruzzjoni li qed jsir f'Ta' Sannat b'mod partikolari binja proposta. Is-Sindku qal li hu ha parir kemm mill-Perit tal-Kunsill u kemm mingħand Perit ieħor tal-fiduċja tiegħu senza nteressi fejn huma

tawħ il-parir li dwar dan l-iżvillup se jkun irrelevanti li l-Kunsill jgħamel spejjeż bla bżonn peress li dan l-iżvillup qiegħed within development zone u l-planning authority tkun qed timxi mall-policy xorta l-permess se joħroġ. Il-Kunsillier Tewma staqsa li tajjeb li wieħed ikun jaf aktar informazzjoni dwar l-iżvilupp li qed isir. Is-Sindku qal li r-Reġjun Għawdex ntervjena dwar l-iżvilupp li qed isir f'Għawdex.

26.7.14 B'referenza għall-ilment numru 16/2021, resident li joqgħod fi Triq il-Moxa talab biex ssir bankina quddiem ir-residenza tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din it-talba ntbagħtet lil-MGOZ bis-sistema tal-Works Request System.

26.7.15 B'referenza għall-ilment numru 17/2021, resident li joqgħod fi Triq il-Kbira, talab li jsir disabled parking quddiem ir-residenza tiegħu. Huwa qed jitlob dan peress li huwa għandu kundizzjoni li tillimita l-mobilita' tiegħu u b' hekk jagħmilha aktar diffiċli biex dan idur u jsib parkeġġ meta tinnota li dan lanqas għandu garage. Il-Kunsill qabel li jitlob lil Transport Malta dwar dan il-parkeġġ.

26.7.16 Il-Kunsill irċieva imejl b'ilment numru 18/2021 mingħand resident li joqgħod fi Triq Xabbata fejn qed jitlob li jsiru double yellow lines quddiem l-garaxx tad-dar tiegħu peress li l-karozzi qed jipparkjaw mal-bieb eżatt u qed ikun ta' inkonvenjent għalih biex joħroġ u jidħol bil-karozza peress li t-triq hija dejqa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din it-talba ntbagħtet lil Transport Malta u ġiet aċċettata. Dwar din it-triq fejn hi dejqa wieħed għandu jikkunsidra d-double yellow lines. Is-Sindku ssuġġerixxa li jsiru double yellow lines fuq naħa minnhom tat-triq. Il-Kunsill qabel ma dan.

26.7.17 Il-Kunsillier Bajada talab biex tiġi rranġata mera li ntlaqtet fi Triq il-Kbira faċċata ta' Triq l-10 ta' Ottubru 1942. Il-Kunsill għandu jibgħat lill-ħaddiema jgħamlu dan.

26.7.18 *Il-Kunsillier Bajada kellu jħalli din il-laqgħa, hu skuża lillu nnifsu peress lid-divice li kien qed juża spiċċalu l-battery. Il-Kunsill aċċetta.*

26.7.19 Il-Kunsill irċieva diversi ilmenti mingħand bdiewa fejn talbu li jiġi mnaddaf il-water culvert li jinstab f'nofs it-Triq ta' Mġarr ix-Xini. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din it-talba ntbagħtet lil-MGOZ bis-sistema tal-Works Request System.

26.7.20 Il-Kunsill talab l-għajnuna tal-MGOZ bis-sistema tal-Works Request System, sabiex jsir patching fi Triq Mġarr ix-Xini qabel ma tiġi aktar frekwentata din it-triq minħabba il-bajja ta' Mġarr ix-Xini. Is-Sindku qal li l-WSC irid jgħaddi s-second class water minn din il-parti tat-triq pero tajjeb li dawn il-ħofor jiġu ppeċjati.

26.7.21 Il-Kunsill reġa talab lil-MGOZ bis-sistema tal-Works Request System, biex jiġu rranġati mill-aktar fis possibli spot lights madwar l-monument li hemm fi Pjazzetta Ta' Ċenċ u fid-dawra tal-madwar qabel tidħol fil-lukanda Ta' Ċenċ.

26.7.22 Il-Kunsill irċieva imjel mingħand resident li joqgħod fi Triq Dun Luqa fejn qed jilmenta, li ġirien qed joħorġu l-skart quddiem residenza abbandunata fl-istess triq fil-ġranet u fil-ħinijiet li fihom ma jinġabarx l-iskart. Hu qal li rraporta b'dan lil WasteServ fejn irrispondewh li għandu jirrapporta b'dan lil Kunsill u għandu jibgħat ukoll lil ERA u LESA. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu kiteb lura lil dan ir-resident fejn spjegalu li b'dan l-abbuż għandu jirrapporta lill-Pulizija.

26.7.23 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand residenta li toqgħod fi Triq Saguna, fejn qed titlob li ssir bankina quddiem il-blokka ta' appartamenti li toqgħod fihom hi. Hija qed titlob ukoll li jsir

patching lit-triq dan peress li din tinstab ta’ periklu għal min ikun għaddej bil-mixi jew jgħix hemm. Il-Kunsill qabel li dan l-ilment għandu jintbgħat bis-sistema tal-MGOZ.

26.7.24 Il-Kunsill reġa irċieva imjel b’reminder, mingħand residenta li toqgħod fi Triq l-Għoxrin ta’ Lulju rigward nuqqas ta’ aċċessibilita’ li din għandha biex tidħol u toħroġ minn darha. Il-Kunsill talab lil din ir-residenta nformazzjoni li ntalbet mill-Perit u Transport Malta.

26.7.25 B’referenza għall-ilment numru 19/2021, resident li joqgħod fi Triq 28 ta’ April 2021 talab li ssir bankina ġdida mar-residenza tiegħu peress li dik li hemm fiha ħafna ħass u hija miksura. Qed jitlob dan peress li meta tkun in-nida u x-xita din qed tkun tiżloq ħafna. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din it-talba intbgħatet lil MGOZ bis-sistema tal-Works Request System.

26.7.26 B’referenza għall-ilment numru 20/2021, resident qed jitlob li jitneħħa parking bay li jinsab quddiem garaxx ma’ binja ġdida fi Triq Ta’ Ċenċ. Il-Kunsill għandu jitlob lill-Transport Malta biex jkun jista jsir dan.

26.7.27 Is-Sindku qal li ġibdulu l-attenzjoni li fi Triq il-Paranji hemm xi double yellow lines biex isir refreshing tagħhom. Il-Kunsill qabel ma dan.

26.7.28 Il-Viċi Sindku qalet li rceviet telefonata mill-MESD u staqsietha bl-insallation ta’ charging pillars biex naraw fejn nistgħu ninstallaw aktar minn dawn. Is-Sindku qal li hi ftit ta’ problema ta fejn jistgħu jsiru dawn.

26.7.29 Il-Viċi Sindku qalet li reġgħu kellmuwha xi residenti dwar dik il-bozza fi Triq tal-Gruwa. Is-Sindku reġa spjega x’ser isir.

26.7.30 Il-Kunsillier Tewma staqsa dwar ir-road hump fi Triq ix-Xewkija, il-Kunsill diġa għandhu waħda hawn u qabel li din tista tiġi nstallata wara li t-triq tingħata l-kisja tat-tarmak il-ġdid. Sadanittant il-Kunsill għandu jitlob lil Transport Malta biex jkun jista jsir dan.

26.7.31 Is-Sindku qal li r-residenti qed jistaqsu meta ser terġa tiftaħ il-berġa tal-gvern. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa mall-Ministru tas-Saħħa dwar din.

26.7.32 Is-Sindku qal li fi Triq Xamgħan hemm area art tal-gvern fejn hi mitluqa u qed isir abbuż b’rimi ta skart, hu qal li din għandha tiġi mnaddfa u wara jsir ftit landscaping.

## 26.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti 5/2021

26.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta’ pagamenti Nru. 5/2021 li kienet intbgħatet permezz ta’ imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Hu qal li dawn il-pagament għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-Kunsillier Clayton Tewma u ssekondata mill-Kunsillier Steven Gauci. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta’ din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta’ din il-laqgħa.

## 26.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

26.9.1 Il-laqgħa ntemmet fl-4.30 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 21 ta' Ġunju 2021, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 21 ta' Ġunju, 2021

(iffirmata)

Philip Vella
Sindku

(iffirmata)

Jason Curmi
Segretarju Eżekuttiv